# K U N S I L L  L O K A L I  Ħ A L  K I R K O P

Minuti tal-laqgħa 4 tas-seba' Kunsill Lokali Ħal Kirkop li nżammet illum it-Tlieta 24 ta' Lulju 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop. Il-laqgħa bdiet fis-17:45.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Carmel Calleja |
| Viċi Sindku: | Is-Sra A. Cefai |
| Kunsillieri: | Is-Sur J. Carbone 18:15<br>Is-Sur S. Mizzi<br>Is-Sur J. Schembri |
| A/Segretarju: | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

1. **<u>Qari u konsiderazzjonijiet tal-Minuti</u>**

1.01 Il-kunsill unanimament qabel li l-minuti preżentati fir-rigward tat-tielet laqgħa tas-seba' kunsill għandhom ikunu emendati b'mod ġenerali sabiex jerġgħu jkunu preżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri fil-laqgħa li jmiss.

2. **<u>Punti mqajma mill-Minuti</u>**

2.01 Kien hemm qbil ġenerali li dawn il-punti jkunu diskussi ġaladarba l-minuti jkunu emendati.

3. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

3.01 Kien hemm qbil ġenerali li l-approvazzjoni tal-minuti tat-tielet laqgħa tkun posposta għal laqgħa li jmiss.

4. **<u>Stqarrija tas-Sindku</u>**

4.01 Is-Sindku stqarr li fir-rigward tal-*bus shelters* saret laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li għaliha kien preżenti flimkien mal-Kunsillier is-Sur J. Schembri. Ġew meħuda ritratti bil-għan li jkunu identifikati l-lokazzjonijiet ta' dawk il-bus shelters li jeħtieġ li jinbidlu.

4.02 Is-Sindku stqarr li bis-saħħa ta' studenta Franċiża li ġiet Malta sabiex tagħmel perjodu ta' xogħol fil-lokalita' ta' Ħal Kirkop sar inventarju tal-assi li jinsabu fir-raħal kollu, inkluż l-għamara tat-triq, u l-assi li jinsabu fl-uffiċċji tal-Kunsill.

4.03 Fil-11 ta' Ġunju saret laqgħa li għaliha kienu preżenti l-Perit A Bezzina u s-Sur C D'Amato bil-għan li jkun maqbul meta se jkunu qed jinfetħu t-tenders relatati mal-proġetti li qed isiru bi sħab mal-Unjoni Ewropeja, liema tenders infetħu nhar il-Ġimgħa 20 ta' Lulju.

4.04 Is-Sindku stqarr li fit-12 ta' Ġunju mar f'fergħa tal-bank APS mal-eks Segretarju s-Sur R Busuttil sabiex jagħmel garanzija fir-rigward tal-proġett fi Pjazza Żernieq, liema garanzija rriżulta li ma kienetx meħtieġa skont ittra mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u l-flus minfuqa huwa ferm diffiċli biex jerġgħu jinkisbu lura.

18:15 Is-Sur J Carbone daħal fil-kamra.

4.05 Fil-15 ta' Ġunju l-Kunsill iltaqa' mal-Avukat A Galea fejn fost affarijiet oħrajn ġie deċiż li l-Kunsill Lokali jwaqqa' l-każ pendenti li ilu miftuħ 'l fuq minn għaxar snin fil-konfront tal-kumpanija Multigas, u fejn l-istess kumpanija se tkun qed tibgħat ittra preżentata lill-Avukat tal-Kunsill li fiha għandha tinkludi l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tibqa' tkun issalvagwardjata s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, u dik tar-residenti.

4.05.1 Il-Kunsill tkellem ukoll mal-Avukat A Galea jekk għandux ilaqqa' lir-residenti sabiex jinformahom b'din id-deċiżjoni. Ġie deċiż li din il-komunikazzjoni ssir fir-rivista tal-Kunsill li jmiss, u mhux billi jitlaqqgħu r-residenti.

4.05.2 Fl-istess laqgħa ġie diskuss il-każ fil-qorti ta' Gasanmamo Insurance. Minħabba negliġenza tal-eks Segretarju, s-Sur R Busuttil, il-Kunsill ma rrispondiex għall-ittra rreġistrata li rċieva biex jattendi għal seduta fil-qorti dwar każ li seħħ fl-14 ta' Awwissu, 2010, fir-rigward ta' karozza li baqgħet dieħla ġo *barrier* fil-perjodu tal-festa. Il-Kunsill ġie penalizzat bl-ispejjeż kollha relatati ma' dan il-każ li jammontaw għal 2628 ewro.

4.06 Saret laqgħa li għaliha kienu preżenti s-Sindku, Viċi Sindku, is-Sur J Schembri u l-Aġent Segretarju li fiha ġie mqajjem is-suġġett tar-reati ekonomiċi mal-Ispettur is-Sur R Stivala. F'din il-laqgħa ġie maqbul li ż-żewġ naħat jikkollaboraw biex titqajjem kuxjenza dwar dan is-suġġett fost ir-residenti ta' Ħal Kirkop, mingħajr ma jinħoloq l-ebda allarm.

4.07 Il-Proġett Eko-Agro se jkun qed jaqa' taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar. L-eks Sindku s-Sur M Salerno, flimkien ma'

rappreżentant tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru żaru l-uffiċċju tal-Kunsill biex tkun tista' tiġi awtorizzata din il-bidla fit-tmexxija tal-proġett.

4.08 Is-Sindku semma' li s-Sur Christopher Cutajar ġie maħtur bħala Aġent Segretarju tal-Kunsill wara li saret rakkomandazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u wara li l-istess Dipartiment ħatar lis-Sur Cutajar bħala Aġent Segretarju b'effett mit-12 ta' Lulju, 2012.

5. **Stqarrija tal-Viċi Sindku u Kunsillieri**

5.01 Il-Viċi Sindku wriet ix-xewqa li meta jkollha laqgħat ma' persuni oħra li ma jittellgħux fil-ħinijiet tal-uffiċċju, għandu jkun hemm aċċess għall-*kitchenette*.

5.01.1 L-Aġent Segretarju rrimarka li ma huwiex possibli li l-Kunsillieri jingħataw aċċess għall-kċina matul l-ħinijiet li l-uffiċċju jkun magħluq, peress li dan l-aċċess ikun qed joffri wkoll aċċess għall-arkivji tal-Kunsill, ħaġa li m'għandhiex tkun.

5.01.2 Kemm is-Sur S Mizzi u anke s-Sur J Schembri qalu li huwa possibli li jinstab post alternattiv fil-premises tal-Kunsill sabiex tkun tista' ssir forma ta' *kitchenette*.

5.02 Il-Viċi Sindku rrimarkat li teżisti problema ta' parkeġġ fejn il-Kumpless Sportiv, u li min qed juża l-Kumpless mhux qed juża l-parkeġġ allokat apposta għal min jiffrekwenta dan l-istess kumpless. Kien hemm qbil ġenerali li tittella' laqgħa mal-Kunsill Malti għall-iSport f'dan ir-rigward.

5.03 Il-Viċi Sindku qalet li fir-rigward tas-*Symposium* tal-iskultura xtaqet li jkollha aċċess għall-korrispondenza relatata ma' dan il-proġett oriġinat mill-eks Sindku s-Sur M Salerno u s-Sur N Calamatta.

5.03.1 L-Aġent Segretarju rrimarka li dan l-aċċess għall-korrispondenza jista' jingħata.

5.04 Is-Sur J Schembri ssuġġerixxa li minn nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu, 2012 tibda ssir it-tombla kull nhar ta' Ħamis ġewwa l-Premises tal-Kunsill. Se jkun qed jinġieb il-permess mill-Gaming Authority, hekk kif titlob il-liġi.

5.05 Is-Sur S Mizzi ssuġġerixxa li jkun organizzat tournament ta' ġurnata sports mal-għaqdiet kollha tal-lokalita'. Kien hemm qbil ġenerali f'dan ir-rigward.

18:55 Is-Sur J Carbone ħareġ mill-kamra

5.06 Is-Sur S Mizzi semma' li fil-laqgħa li kellha ssir fil-ġurnata ta' wara mal-PPCD dwar il-proġett 'Opportunities close to home' kellu jkun preżenti l-Project Manager, ċjoe' l-eks Segretarju s-Sur R Busuttil, bil-għan li jinstab ftehim dwar il-finalizzazzjoni ta' dan il-proġett.

6. **<u>Approvazzjoni għall-ordnijiet ġodda</u>**

6.01 **Statements tal-kontijiet kollha tal-bank**

6.01.1 L-Aġent Segretarju rraporta li ngħata statements bankarji fir-rigward tal-banek BOV u APS datati 9 ta' Lulju, 2012, iżda ma ngħatax l-istatements fir-rigward tal-bilanċi relatati mal-bank HSBC. L-Aġent Segretarju rrimarka li l-Kunsill mhux qiegħed f'qagħda feliċi fir-rigward ta' likwidita'.

6.01.2 Is-Sur S Mizzi kkummenta li s-Sur R Busuttil għandu jingħata deadline sal-aħħar ta' Awwissu 2012 fir-rigward tat-tlestija tal-proġett imsemmi Litus Go, permezz ta' ittra bl-Avukat, minħabba l-fatt li jekk dan ma jsirx jintilfu fondi għad-detriment tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament f'dan ir-rigward.

6.02 **Il-flus kollha li jonqos jidħlu minn proġetti**

6.02.1 Fir-rigward tal-proġett tal-Housing is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill id-dokumenti preparati mill-Perit A Bezzina. Il-Kunsill se jkun qed jieħu ħsieb li jintbagħtu flimkien ma' *covering letter* sabiex ikunu riżarċiti l-ispejjeż.

6.02.2 Fir-rigward tal-Irkotta Fest u l-iskema Aċċessibilita', l-Aġent Segretarju se jkun qed jara li jinġiebu l-flus relatati ma' dawn iż-żewġ skemi rispettivi.

6.03 **Xi flus għandu jagħti l-Kunsill lil terzi**

6.03.1 Il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti din it-tema f'punt 7 tal-aġenda.

7. **<u>Awtorizzazzjoni tal-pagamenti</u>**

7.01 Ġiet imressqa l-iskeda tal-ħlasijiet 01.06.12 – 13.07.12 (Ara 'DOK B' anness) għall-approvazzjoni tal-Kunsillieri. Kien hemm qbil ġenerali fost il-Kunsillieri li items 36 sa 42 ma jkunux approvati sakemm il-Kunsill jikseb kjarifika fir-rigward tal-ispejjeż mitluba mill-Perit A Bezzina.

7.01.1 Is-Sur S Mizzi rrimarka li hu ma kienx qed japprova item 62 li jirrigwarda rivista li nħarġet f'Marzu li għadda.

7.02 Fir-rigward tal-paga tas-Sur R Busuttil ghax-xahar ta' Gunju 2012, il-Kunsill unanimament qabel li dan il-pagament ghandu jinzamm sakemm ikunu konkluzi xoghlijiet ohra li jehtieg li jsiru fir-rigward ta' Progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja, u anke minhabba l-fatt li x-xoghol li s-Sur R Busuttil iddikjara li wettaq ma kienx kollu relatat direttament mall-Kunsill Lokali ta' Hal-Kirkop.

8. **<u>Affarijiet oħra</u>**

8.01 L-Aġent Segretarju ressaq għall-approvazzjoni l-bilanċi ta' siegħat *Time Off in Lieu* mogħtija lilu mill-iSkrivana u mill-Assistent Prinċipal. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-bilanċi għandhom ikunu approvati.

9. **Konklużjoni**

9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Awwissu, 2012, fil-17:30.

Il-laqgħa ntemmet fid-20:45.

____________________ __________________

Sindku Aġent Segretarju